Minuti tat-48 laqgha tas-seba' Kunsill Lokali l-Gharb li saret nhar il-Erbgha 27 ta' April, 2016. Il-laqgha nbdiet hin 2.16pm.

**Il-laqgha bdiet b'dawn il-membri prezenti:-**

| | |
|---|---|
| Sindku | David Apap Agius |
| Vici-Sindku | Carmen Vella |
| Kunsillier | Emanuel Muscat |
| **Ufficjali:** | |
| Segretarju Ezekuttiv | Emily Amatulli-Depasquale |

Shirley Ann Cecchini infurmat lill-Kunsill li ma kienetx ser tattendi ghax ma kienetx tiflah.
L-Ambaxxatrici V16 infurmat lill-Kunsill li ma setghetx tattendi minhabba skola.

**1.0 Approvazzjoni tal-Minuti tas-46 u 47 laqgha tal-Kunsill**

1.1 Il-Minuti tas-46 u 47 laqgha gew approvati u ffirmati bhala dokument korrett.

**2.0 Festa 2016**

2.1 Gie spjegat li ghall-festa jridu jinhargu l-permessi mehtiega minhabba tal-kiosks u minhabba l-festeggamenti ta' barra. Il-Kunsill qabel li l-permessi ghandhom jinhargu lil tal-kiosks u joqghodu fl-istess post tas-sena l-ohra. Apparti dan il-Kunsill Lokali qabel ukoll li tinhareg in-*no objection* ghall-festa lill-Arcipriet bhas-snin precedenti.

2.2 Il-Kunsill qabel li ghandhom jintalbu kwotazzjonijiet ghal tindif u knis waqt il-granet tal-festa. Emanuel Muscat issugerixxa li ghandu jkun hemm bdil tal-bins b'mod regolari waqt il-festa. Il-Kunsill qabel ma' dan is-suggeriment u ghalhekk ser tintalab meta jingabru l-kwotazzjonijiet.

2.3 Il-Kunsill qabel ukoll li fi Triq il-Knisja fil-parti fejn hemm l-Gharb Rangers F.C. ghandha ssir one way ghal meta jintrema l-armar tal-festa sa wara l-festa bhal ma sar fis-snin precedenti.

**3.0 Infiorata 2016**

3.1 Saret diskussjoni ukoll dwar l-Infiorata u dwar it-temi li jistghu jaghmlu parti mill-Infiorata ta' din is-sena. Bhala sena tal-Knisja, s-sena hija ddedikata ghall-Hniena. Min-naha l-ohra s-Sindku informa lill-Kunsill li l-Club ta' l-Gharb gewwa Melbourne s-sena kien ser jghalaq 10 snin mit-twaqqif tieghu u dawn xtaqu li l-arma taghhom tigi inkluza. Is-Sindku issugerixxa ukoll li t-tielet kwadru jinkludi wicc jew xi haga ohra simili tat-tifla tal-familja Stellini li mietet tragikament barra minn

pajjina peress li din it-tifla kienet wahda mill-voluntiera li kienet tiehu sehem attiv fit-tqeghid tal-Infiorata. Huwa kompla jghid li dan jista' jsir dejjem jekk ikun hemm il-kunsens tal-familja. Il-Kunsill qabel li ghandu jimxi mall-punti li gew diskussi sabiex jigi nfurmat il-kumitat tal-festa ghall-preparazzjoni tad-disinn.

3.2 Is-Sindku semma ukoll li fis-sena precedenti l-Infiorata kienet qeghda ssir gewwa c-Centru Parrokkjali pero' dan kien qed johloq inkonvenjent ghall-artist ghar-raguni li meta jkun hemm xi attivita' dan ikollu izarma kollox kull darba. Huwa ghalhekk li huwa ssugerixxa li jintalab permess lis-surmast ta' l-iskola sabiex issir gewwa s-sala ta' l-iskola. Il-Kunsill qabel li ghandha ssir din it-talba.

## 4.0 Infiorata Noto 2016

4.1 Is-Sindku informa lill-Kunsill li ghaz-zjara gewwa Noto kienu ser jattendu huwa innifsu, Emanuel Muscat, Michael Bajada, Adrian Formosa, Franklin Farrugia u hemm possibilita' li jattendi l-Perit Edward Scerri kif ukoll Noel Attard li jista' jiehu ritratti. Il-Kunsill ser ikun qed jara xi spejjez hemm apparti dak li ser jinghata b'xejn min-naha ta' Noto. Il-Kunsill qabel li jekk l-ispiza ma tkunx wahda kbira, l-hlas isir min-naha tal-Kunsill.

## 5.0 Gemellagg

5.1 Is-Sindku qal li kif diga gie infurmat il-Kunsill kienet giet delegazzjoni iffurmata minn erba' Kúnsilli Taljani sabiex jibdew diskussjonijiet ta' gemellagg ma' erba' Kunsilli Ghawdxin fosthom il-Kunsill ta' l-Gharb. L-ideja kienet inbdiet mis-Sur Alessandro Battilocchio li gej mill-Kunsill ta' Tolfa fl-Italja u li fil-prezent huwa gemellat mall-Kunsill Lokali ta' Ghajnsielem. Is-Sindku spjega li waqt iz-zjara li saret hawn Malta kien gie iffirmat patt ta' hbiberija fejn fil-futur dan ser jinbidel f'gemellagg. Il-probabilita' hija li ghall-ahhar ta' Awissu jigi ffirmat gemellagg gewwa l-Italja pero' dwar dawn id-dati ghad irid ikun hemm konferma. F'dawn il-lokalitajiet issir ukoll l-Infiorata li tkun wahda twila hafna. Iktar 'il quddiem il-Kunsill ikun jista' jiddiskuti aktar fid-dettal dwar dan il-gemellagg u dwar il-possibilita' ta' skambji.

4.2 Saret diskussjoni dwar iz-zjara tal-Portugal fejn inqara l-programm u saret diskussjoni fuqu. Is-Sindku spjega li trid issir ukoll booking ta' bagalja fuq xi hadd sabiex ikunu jistghu jittelghu xi tokens u souvenirs. Saret diskussjoni ukoll dwar flyer li jista' jsir b'informazzjoni generali dwar muzewijiet, postijiet ta' interess, ecc u hinijiet ta' ftuh taghhom. Il-Kunsill qabel ukoll li dan jista' jsir u jittiehed il-Portugal mall-grupp li ser jitla'.

2.35PM Anthony Camilleri dahal ghal-laqgha.

5.2 Gie spjegat ukoll li waqt iz-zjara tal-Portugal hemm il-possibilita' li ssir ikla tradizzjonali tal-post. Din l-ikla qeghda tigi kkordinata ma' Ana Filomena.

5.3 Il-hin tat-tluq ser ikun mall-vapur tas-6AM u ghalhekk fil-5AM il-grupp irid jingabar fil-Pjazza principali. Il-bagali ser ikunu qed jingabru l-gurnata ta' qabel il-Kunsill. Ghada filghaxija fis-6PM gewwa s-sala tal-iskola.

Gie spjegat li l-bagalji ibbukjati kollha 15kg. Ser tingabar ukoll xi informazzjoni minghand ir-residenti bhal ma huma tipi ta' kundizzjonijiet bhal Gluten, Diabete, ecc. Ser tinghata ukoll informazzjoni dwar il-mobile phones, temperatura u dwar il-laqgha li ser ikun hemm mas-Sindku tal-post ghall-kunsilliera ser tinghata informazzjoni aktar 'il quddiem dwar it-tip ta' ilbies.

Il-Kunsill gie infurmat li jekk ikun hemm xi hadd min-nies li jrid jibbukkja seat minn qabel irid ihallas €10 ghal kull vjagg. Inghatat spjegazzjoni ukoll ta' x'kienet tinkludi l-formola li ser jintalbu jimtlew il-partecipanti.

## 6.0 Progett - Ground

6.1 Is-Sindku spjega li hemm proposta sabiex jizdiedu l-facilitajiet mall-ground tal-football filwaqt li l-istess jikber ghal *full size* u minflok turf sintetiku jkun b'turf naturali. Dan il-progett jista' jkun ta' attrazzjoni akbar fil-lokalita' filwaqt li jibda' jintlghab loghob kompetittiv kif ukoll jigbed atleti u *teams* barranin. Hemm interess qawwi ghal dan il-facilitajiet mil-Lukanda Kempinski. Timijiet barranin qed juru interess f'ground *full size* b'turf naturali fil-vicinanzi ta' lukanda hames stilel. Peress li l-ground ta' l-Gharb fil-prezent m'ghandux dawn ir-rekwiziti hemm it-talba sabiex isir dan il-bdil.

Il-preokkupazzjoni tal-Kunsill hija ghax-xoghol li sar fuq it-trakka, *fence* u *jogging track* peress li dan huwa xoghol li sar minn fondi ewropej u li ma jkunx jista' jitnehha qabel hames snin. Il-Kunsill irid ihares dan ix-xoghol li jibqa' bl-istess standards u kundizzjonijiet. Jekk ser tkun accetata l-proposta jrid ikun hemm data definita tat-tlestija tax-xoghol.

Emanuel Muscat staqsa dwar il-manutenzjoni u l-ftehim li hemm mall-GFA fil-prezent. Gie spjegat li ghad iridu ikunu diskussi l-kundizzjonijiet li jkunu jaghmlu sens kemm ghall-Kunsill kif ukoll ghall-club Gharb Rangers. F'dan l-istadju huwa importanti li l-Kunsill jaqbel ma' l-ideja ta' dan il-progett sabiex ikun jista' jipprocedi bl-applikazzjoni tad-devoluzzjoni ta' l-area.

Anthony Camilleri qal li l-problema hija li fejn ikun hemm turf naturali jrid aktar manutenzjoni. Gie spjegat li t-turf sintetiku kull ma jservi huwa 10 snin u min-naha l-ohra t-turf naturali l-area anke jekk ma jkunx hemm it-turf xorta jkun jista' jsir l-loghob.

Emanuel Muscat qal li din hija opportunita' tajba ghall-ground u mhux ta' min jitlifha.

Gie spjegat li bhala progett li bhalissa huwa ideja u meta jasal iz-zmien li jsir apparti li jrid iz-zmien tieghu sabiex jitlesta' dan ikun jista' jinkludi ukoll fost ohrajn *communal parking*. F'dan il-progett iridu jsiru diskussjonijiet ukoll ma' l-Gharb Rangers F.C. peress li dan jikkoncerna l-loghob taghhom.

Il-Kunsill qabel unanimament ma' l-ideja ta' dan il-progett u qabel ukoll li ghandu jibda' bil-process tad-devoluzzjoni.

## 7.0 Progetti ta' Tisbih tal-Pjazza u madwar

7.1 Gie spjegat li huwa xieraq li l-pjazza principali isirilha xoghol ta' tisbih. Saret diskussjoni fejn il-Kunsill qabel li ghal dan ix-xoghol ghandu johrog kompetizzjoni ghad-disinn tal-Pjazza li fiha ikun inkluz *flower pots* u ohrajn maghhom. Huwa importanti li jigi innotat ukoll li jekk ikun hemm xi *flower pots* jew ohrajn maghhom ma jiccaqalqux minhabba l-festa. Din il-kompetizzjoni trid tkun qeghda biex taghti ideja dwar id-disinn u l-manutenzjoni.

Emanuel Muscat gibed l-attenzjoni li jkun ahjar jekk li jsir ma jkollomx bzonn ta' hafna manutenzjoni. Is-Sindku spjega li dan jiddependi minn fuq dak li ser jigi propost pero' tista' ssir nota fuq id-dokument tal-kompetizzjoni li jindika li l-affarijiet proposti m'ghandhomx ikollhom bzonn ta' hafna manutenzjoni. Iz-zoni li jridu jigu inkluzi huma l-pjazza principali, l-pjazzetta fejn ic-Centru u wara l-Knisja. Il-Kunsill qabel li ghandu johrog dan id-disinn.

3.07PM Ruben Camilleri Cauchi mistieden ghal-laqgha minhabba id-disinn ta' Triq l-Gharb dahal fil-kamra.

Is-Sindku irringrazzja lis-Sur Camilleri Cauchi illi ghan-nom tal-iskola Primarja ipproduca disinn tal-monument. Is-Sur Camilleri intalab jispjega aktar fid-dettal l-ideja tieghu wara d-disinn sottomess. Huwa ta' spjegazzjoni tieghu fejn qal li huwa zamm mad-disinn indikat pero' zied il-forma ta' salib u l-partijiet ta' l-istainless steel li huma l-Knisja Bazilika u Parrokkjali ta' l-Gharb, is-Santwarju ta' Pinu u t-Tieqa ta' Wied il-Miélah li huma tlett *landmarks* misjuba fil-lokalita'. Is-Sindku qal li l-Kunsill ra d-disinn pero' l-problema kienet fil-maggor parti id-disinni ta' l-istainless steel fejn apparti li l-Kunsill ma tantx qabel mall-mod kif qeghdin jista' ukoll ikun hemm riskju li dawn jigu vandalizzati u ghaldaqstant il-Kunsill xtaq jiehu verzjoni ohra tad-disinn sabiex ikun jista' jasal ghad-decizjoni finali. Is-Sur Camilleri Cauchi qal li d-disinn jista' jinbidel skond ix-xewqa tal-Kunsill. Emanuel Muscat qal li jekk jigu inkluzi knejjes biss il-monument jispicca fuq tema religjuza. Is-Sur Camileri Cauchi qal li min-naha tieghu ghalhekk inkluda t-tieqa ta' Wied il-Mielah. Gie innutat pero' li min-naha l-ohra din tista' tkun qed tirreferi ghat-tieqa tad-Dwejra. Is-Sindku staqsa jekk dawn id-disinni jistghux jitnehhew u jsir tinqix b'tali mod li jkun hemm id-dawl ghaddej minn god-disinn. Is-Sur Camilleri Cauchi qal li din tista' tkun ideja tajba. Is-Sindku qal li l-skop ta' dan il-monument u li jaghti identifikazzjoni ta' l-Gharb mad-dahla fil-lokalita. Kien issugerit u inkluz il-kampnar tal-Knisja fejn hemm il-kitba 'Ibni ghozz iz-zmien'. Is-Sur Camilleri Cauchi gie mitlub jaggorna d-disinn sabiex ikun diskuss mill-gdid.

3.20PM Is-Sur Ruben Camilleri Cauchi irringrazzja lill-Kunsill u hareg mill-kamra.

Emanuel Muscat semma li l-gate ta' Wied il-Mielah kienet inkisret.

## 8.0 Pubblikazzjonijiet

8.1 Gie spjegat li waqt l-ahhar laqgha kienu gew diskussi l-pubblikazzjonijiet relatati mal-lokalita. Fost dwan insibu gabra ta' storja u rakkonti mil-pinna ta' Dun Salv, gabra ta' informazzjoni u storja ohra kif ukoll pubblikazzjoni forma ta' gwida lokali bid-dettalji tal-knejjes, muzewijiet, restaurants, postijiet ta' interess, clubs, facilitajiet

ecc. Il-Kunsill qabel unanimament li ghandu jghin u jhejji ghal dawn il-pubblikazzjonijiet.

**9.0 Monument Jum l-Gharb**

9.1 Kif diga gie infurmat precedentament il-Kunsill, il-Monument ta' l-Isqof M. Molina li kien jinsab fil-Pjazza tharrek. Il-proposta kienet li dan imur fil-genb tal-Knisja pero' l-Kunsill ghad irid jara ezatt fejn jista' jitpogga. Saret diskussjoni dwar il-possibilita' li tinhareg kompetizzjoni tad-disinn sabiex dak prezenti jista' jittejjeb u jkun hemm idejat fejn jista' jitpogga. Emanuel Muscat staqsa dwar il-monument tal-gwerra fejn gie spjegat li dan kien hemm it-tifel li jaghmel parti mill-monument ta' l-Isqof N. Cauchi. La darba l-monument jitharrek u jmur fil-pjazzetta fejn ic-Centru, l-attivita' ta' Jum l-Gharb tibda' ssir f'din iz-zona. Il-Kunsill qabel li ghandha tinhareg kompetizzjoni ghad-disinn u li l-attivita' jsir fil-pjazzetta fejn ic-Centru.

**10.0 Skeda ta' Pagamenti**

10.1 Il-Kunsill approva unanimament l-iskeda tal-Pagamenti.

**11.0 Korrispondenza u materji ohra**

11.1 Is-Sindku ssugerixxa li ssir talba ghall-mera gdida f'Dahlet Maxwell fejn il-kantuniera ma' Triq ta' San Lawrenz. Il-Kunsill qabel li ghandha ssir din it-talba.

11.2 Minghand il-Kúllegg t'Ghawdex dwar stampar ta' kotba ghall-iskejjel f'Ghawdex. Il-Kullegg kien qed jipproponi sabiex ta' kull sena jigi avvicinat Kunsill li lest li jikkollabora fl-istampar ta' ktejjeb ghall-iskejjel. Il-Kunsill gie muri kopja tal-ktieb. Fuq il-ktieb iridu jigu stampati l-logo tal-Kunsill flimkien ma' notifika li l-ktieb qed jigi stampat bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel li ghandu jikkolabora sabiex jigi stampat dan il-ktieb.

11.3 Giet trattata s-segwenti korrispondenza minghand il-MEPA:
Applikazzjonijiet godda ghal permess ta' zvilupp: PA3616/15, PA4796/15 u PA922/16.

Tribunal ta' Revizjoni – Avviz ta' Smiegh – Appell Nru 00086/11.

11.3 Anthony Camilleri staqsa jekk ix-xogholijiet fi Triq San Dimitri kienux inbdew. Is-Sindku spjega li bhalissa ghaddej il-process sabiex jinhargu l-permessi. Fir-rigward ta' Triq Virtu' din hemm il-hsieb li tinbeda wara l-festa.

11.4 Emanuel Muscat qal li quddiem il-B&B fi Triq San Dimitri hemm it-triq niezla. Is-Sindku qal li l-probabilita' huwa li hemm xi *culvert* tas-servizzi u dan irid jsirlu l-manutenzjoni mehtiega.

11.5 Is-Sindku spjega li s-Shelter tal-Pjazza ta' l-Gharb qed jitranga mill-haddiema. Waqt dawn ix-xogholijiet gie innotat li hemm cables tad-dawl ghaddejin minn gewwa dan is-shelter li jidhru li huma tad-dawl u ghaldaqstant il-bokka tan-naha t'isfel ma tistax tinfetah. Saret diskussjoni fejn il-Kunsill qabel li ghandha tinkiteb ittra lil Enemalta sabiex dawn jitnehhew immedjatament u bla telf ta' zmien.

11.6 Il-Vici Sindku staqsiet jekk il-dwal il-godda humiex ser jinxtghelu. Gie spjegat li l-Inginiera Galea Curmi kienu gew u hadu ritratti tal-lampi kollha peress li l-applikazzjonijiet riedu jigu aggornati bil-lampi diga imwahhla fil-post. Gew diskussi l-lampi ta' Sqaq Papa Klement XIV fejn intqal li l-lampa li qed tixghel hija fil-privat u ghalhekk ghandha titharrek jew ta' l-inqas iddur il-barra ghal fuq it-triq.

11.7 Il-Vici Sindku staqsiet dwar il-latrina ta' Triq Ta' Pinu minhabba li dawn kienu maghluqin. Is-Sindku qal li din il-materja kienet giet diskussa fl-laqgha precedenti u dwarha kien hemm ukoll qbil mill-Kunsill li sakemm il-kontijiet jibqghu ma jithallsux min-naha tad-Dipartiment dawn kienu ser jinghalqu. Kien ghalhekk li dawn inghalqu. Gie spjegat li kemm 'il darba intalbet li ssir laqgha ma' l-Ing. Bajada pero' l-Kunsill qatt ma rcieva risposta. Gie spjegat li peress li dawn il-kontijiet kienu jghajtu lid-Dipartiment, il-Kunsill lanqas seta' jkollu informazzjoni dwarhom. Emanuel Muscat qal li l-problema hija li l-pubbliku ser ikun qed ibghati mill-eghluq tal-latrina u ghalhekk ghandha tinstab soluzzjoni alternattiva minn dik li taghlaq il-latrina. Is-Sindku qal li l-problema ilha tippersisti u trid tittiehed azzjoni sabiex din tigi solvuta. Emanuel Muscat staqsa jekk id-Dipartiment ghall-Gvern Lokali kienx infurmat bis-sitwazzjoni. Gie spjegat li l-latrina ma ghanda x' taqsam xejn mad-Dipartiment ghall-Gvern Lokali. Gie spejgat ukoll li sakemm il-problema tal-kontijiet tigi solvuta, l-Gharb Rangers F.C. kienu gew infurmati sabiex izommu l-latrina maghluqa. Wara diskussjoni, l-Kunsill qabel li din ghandha tibqa' maghluqa.

11.8 Is-Sindku informa lill-Kunsill li kienet waslet ittra legali minghand l-Avukati tal-kuntrattur JGC Ltd fir-rigward tal-pagamenti li ghad baqa' pendent fuq il-progett. Min-naha tal-Kunsill din l-ittra kienet intbghatet lil dawk ikkuncernati mill-ipprocessar tal-pagamenti u min-naha taghhom dawn kienu qed jittiehdu l-passi mehtiega.

11.9 Is-Sindku spjega li huwa kien gie avvicinat minghand is-sidien tal-ghelieqi li jibdew minn tarf l-isqaq n-naha tal-lemin ta' Sqaq l-Arcipriet li z-zewg grajjed li kienu saru mill-Kunsill zmien ilu qeghdin fuq art privata. Is-Sindku spjega li dawn kienu saru fuq talba tal-bdiewa li jahdmu l-art tas-sidien koncernati. Is-sidien ma ghandhom l-ebda problema li dawn l-grajjet jibqghu fil-post pero' iridu bil-miktub minghand il-Kunsill li dawn qeghdin hemm temporanju u hekk kif is-sidien ihossu l-bzonn dawn ghandhom jinghalqu. Emanuel Muscat qal li huwa ta' l-opinjoni li jigi imnizzel min irid ihallas l-ispejjez tax-xoghol la darba jintalbu biex jitnehhew. Il-Kunsill qabel li dawn saru sabiex jinqdew il-bdiewa koncernati u ma taghmilx differenza min ser ihallas sabiex jinghalqu. Il-Kunsill qabel li ghandha tinkiteb ittra f'dan is-sens.

11.10 Gie spjegat li aktar kmieni mal-gurnata kienet saret laqgha fir-rigward ta' Triq Tumas li ghaliha kienu prezenti il-Perit Angelo Portelli, s-Sur Mark Formosa, s-Sur Mario Gatt u s-Sindku. Waqt din il-laqgha gie spjegat li min-naha tal-Ministeru kien qed isir xi *testing* sabiex jaraw il-hsarat li ghandha t-triq u x'irid isir biex issir il-kostruzzjoni. Sadanittant huwa offrew li sabiex ma tintilifiex l-LA li ghandu l-kuntrattur jekk jrid il-Kunsill jista' jaghzel li jaghmlu xoghol fuq triq ohra. Il-Kunsill iddiskuta dan u ra li t-toroq l-ohra kollha ghandhom xi tip ta' problema u ghalhekk l-ahjar li x-xoghol jibqa' fuq Triq Tumas Casar.

Anthony Camilleri staqsa jekk Triq Ta' Sdieri ghadx trid isirilha tarmak. Gie spjegat li din it-triq kienet kompluta u li ghad baqa' huwa li jimtela' l-genb tat-triq fejn hemm il-*bridge* bil-konkos u jsir il-patching necessarju fil-bridge. Il-materjal ser jinghata mill-Ministeru ghal Ghawdex u x-xoghol isir min-naha tal-Kunsill.
Emanuel Muscat qal li l-pipijiet tad-dawl tal-*bridge* ghandhom xi hsara u ghalhekk hemm bzonn li jitrangaw.

11.11 Gie spjegat li fil-prezent qed isiru l-permessi ukoll sabiex ikunu jistghu jsiru x-xogholijiet fi Triq il-Madonna tal-Virtu'. Pero' l-ewwel ser isir dak mehtieg ghal Triq San Dimitri fejn il-permessi huwa mahsuba li ser johorgu fil-granet li gejjin. Jekk ser tinstab ghajnuna l-culvert ta' Triq Virtu' jsir bil-pipijiet u jekk le ser tintalab stima.

Jekk dan ikun jista' jitlesta' qabel il-festa, jinbeda inkellha jsir wara l-festa.

Emanuel Muscat staqsa jekk kienx hemm xi risposta min-naha ta' l-Enemalta. Gie spjegat li l-Inginiera kienet staqsiet jekk ix-xoghol inbediex u gie spjegat li l-Kunsill kien diga ghaddej bil-permessi u xogholijiet ohra relatati biex jinbeda'.

11.12 Is-Sindku informa lill-Kunsill li l-haddiem Raymond Rotin kien qed jaghmel xoghol ta' bini ta' hitan tas-sejjieh fit-truf tar-rahal. Saret diskussjoni fejn il-Kunsill qabel li ghandhom jitkomplew dawn ix-xogholijiet.

Emanuel Muscat staqsa jekk il-hitan tas-sejjieh fil-kampanja setghux jitrangaw. Gie spjegat li mhuwiex facli li ssib ta' min huwa u tiftiehem maghhom ghax jekk tmisshom u taghmel ix-xoghol dawn jistghu jakkuzaw lill-Kunsill li hadilhom il-gebel. Is-Sindku talab lill-Kunsilliera li jekk ikunu jafu min huwa s-sidien ta' dawn l-eghlieqi jinfurmaw lill-Kunsill sabiex ikunu jistghu jigu ikkuntatjati u jsiru l-arrangamenti maghhom.

11.13 Il-Kunsill gie infurmat li fil-prezent il-Kunsill kien ghadu qed jistenna li jircievi l-*audited financial statements* minghand l-awdituri li sal-hin tal-laqgha dawn ma kienx ghadhom waslu. Dawn suppost li jridu jigu pprezentati sat-30 ta' April pero' la darba dawn ma kienux waslu ma kienx ser ikun facli li jigu pprezentati fil-hin. Tajjeb li jinghad li l-awdituri gew l-ufficju biex jaghmlu ix-xoghol bejn 6 u 7 ta' April, zmien relativament qasir u fl-ahhar minuta.

11.14 Emanuel Muscat qal li fit-triq li tiehdok ghal Wied Hurrieqa kien hemm xi terrapien mitfuh hemm. Gie spjegat li ser issir spezzjoni u jittiehdu r-ritratti sabiex wara jsir rapport lill-MEPA.

11.15 Gie spjegat li l-festa qeghda toqrob u ghal dan iz-zmien jinhargu diversi pubblikazzjonijiet minn NGO's lokali. Sar suggeriment sabiex il-Kunsill jippublika l-awguri tieghu fuq dawn il-pubblikazzjonijiet. Il-Kunsill qabel ma' dan is-suggeriment.

## 12.0 Aggornament

12.0 Il-laqgha li jmiss ser tinzamm nhar il-Erbgha 25 ta' Mejju, 2016.

12.1 Il-laqgha spiccat hin 4.34pm.

Konfermati minn

David Apap Agius
Sindku

Emily Amatulli-Depasquale
Segretarju Ezekuttiv